## APPREZZAMENT
## PAWLU XUEREB (1923 - 1994)

Nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru, 1994 tħabbret il-mewt ta' Pawlu Xuereb, ex-Ministru, Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Aġent President tar-Repubblika u fuq kollox Rabti Pawlin.



Pawlu Xuereb twieled ir-Rabat, Malta fil-21 ta' Lulju 1923. Studja fil-Kulleġġ San Alwiġi u f'Londra. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija ddistingwa ruħu u ġie ppremjat b'diversi medalji. Hu ħadem bħala għalliem, ġurnalist, editur u General Manager tal-Freedom Press.

Pawlu Xuereb daħal fix-xena politika fl-1962 meta kkontesta l-elezzjoni ġenerali mal-Partit Laburista fuq id-distrett tar-Rabat u ġie elett membru parlamentari. Hu baqa membru parlamentari sa l-1983. Fl-1971 nħatar Segretarju Parlamentari u wara Ministru tal-Kummerċ, Industrija, Biedja u Turiżmu.

Pawlu Xuereb iżżewweġ lil Mary Edwige nee' Muscat u minn dan iż-żwieġ twieldtilhom tifla, Maria. Fl-1986 hu nħatar bħala Speaker tal-kamra tar-Rappreżentanti u ftit wara proprju fis-16 ta' Frar 1987 Pawlu Xuereb ingħata l-kariga t'Aġent President tar-Repubblika, kariga li baqa jokkupa sa l-1989. Kien f'dan il-perijodu li hu wera' l-aktar kemm jgħożż lir-Rabat. Il-kumitat tagħna għadu jiftakar meta ftit wara li laħaq stieden lill-kumitati kollha Rabtin għall-riceviment fil-palazz ta' San Anton. Għadna niftakru b'liema pjaċir hu u martu Mary Edwige dawwruna mal-Palazz. Okkażjoni oħra li ma ninsewx meta f'Corpus tal-1986 flimkien man-Nunzju Appostoliku Mons. Pier Luigi Celata żar il-Każin San Pawl u ħadu ritratt tal-okkażjoni mal-Kumitat. Nixtiequ hawn ukoll insellmu lil Mons. Celata li proprju din is-sena temm il-kariga tiegħu ta' Nunzju Appostoliku għall-Malta.

Fil-festa ta' San Pawl ta' dik is-sena Pawlu Xuereb attenda għall-purċissjoni u refa' wkoll fil-vara titulari.

Ta' min jgħid ukoll li Pawlu Xuereb hu pro-neputi ta' Francesco Xuereb, wieħed mill-fundaturi u ex-surmast tal-Banda Konti Ruġġieru.

Pawlu Xuereb miet fl-eta ta' 71 sena. Il-Gvern ordna tlett ijiem luttu u organizza funeral statali. Għal quddiesa presente cadavere attendew diversi membri tal-Kumitat Każin San Pawl u l-Kumitat Festi Esterni. Il-Banda Konti Ruġġieru kienet ukoll rappreżentata bl-istandard.

Bil-mewt ta' Pawlu Xuereb, Malta tilfet patrijott u aħna tlifna membru tal-familja kbira tagħna.

Filwaqt li nitolbu għal ruħu, insellmulu u nagħtu l-kondoljanzi lill-familja tiegħu.